KLR 21/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 10 ta' Settembru 2014 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone, is-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membri Joseph Debrincat u Maria Portelli.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. *Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

i. Ix-xogħol tal-proġett reġa' beda dritt wara l-festa ta' Santa Marija.

ii. Il-membri qablu li sakemm jitlesta x-xogħol fi Pjazza Savina u waqt li jkun għaddej ix-xogħol fi Pjazza Indipendenza, l-monti għandu jiġi spustjat fil-parkeġġ il-kbir. Il-Perit għandu jfassal il-kaxxi skont il-qisien tal-kaxxi li għandhom fil-preżent. Ser jintalab il-permess ta' Transprot Malta (TM) rigward l-użu ta' parti mill-parkeġġ għall-monti.

iii. Il-membri qablu wkoll li l-bejjiegħa tal-monti għandhom jiġu avżati ġimgħa qabel ikun ser jinbeda t-tħaffir fi Pjazza Indipendenza.

iv. B'kordinazzjoni mal-Periti tal-Proġett taċ-Ċittadella u ma TM, Triq il-Kastell ser ssir *two way* b'mod temporanju sakemm ikunu għaddejjin ix-xogħolijiet fuq iż-żewġ proġetti, dak tal-Kunsill u dak tal-Ministeru għal Għawdex.

**3. *Update – Playing Field***

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Periti mqabbda mill-Kunsill qed iħejju l-offerta tal-*playing field equipment*. Hu attenda għall-laqgħa bi-laterali oħra fejn kien hemm preżenti l-Perit responsabbli u l-*Managing Authority*.

## 4. Finanzi tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet ċifri li juru kontijiet pendenti fuq proġetti kapitali. Dan jinsab anness fuq dokument A. Mill-proġett tal-bini tat-toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo mhux ser isiru l-bankini u l-*culvert* minn taħt l-art. Dan kien ġie deċiż mill-Kunsill preċedenti minħabba nuqqas ta' fondi. Dawn it-toroq jaqgħu taħt l-iskema PPP u jitħallsu fi tmin snin.

Il-kont pendenti fuq Pjazza San Ġorġ hu marbut ma każ il-Qorti u għalhekk hu kontestat. Fuq il-parti tal-*playing field*, iċ-ċifra li turi *Mechanical and Electrical Works* tinkludi rati fuq kull tip ta' dawl li jista jintuża, jiġifieri l-proġett finali ma jkunx jiswa daqshekk.

## 5. Attivitajiet tal-Milied

Il-membri qalbu li:-

i) billi x-xogħol tal-proġett ta' Pjazza Indipendenza jkun għaddej, din l-attivita' ssir fi Pjazza Santu Wistin. In-naħħa ta' fejn hemm id-djar residenzjali jitħalla passaġġ bil-*barriers* tal-pulizija.
ii) Għall-kiri tal-*bars* minbarra t-tnejn eżistenit f'din il-pjazza tingħata d-dritta lil dawk ta' Pjazza Indipendenza u ta' Pjazza San Ġorġ peress li dawn is-sidien dejjem taw l-għajnuna li l-Kunsill talab biex tiġi organiżżata l-attivita' fit-Tokk. Imbgħad tinfetaħ għal-sidien ta' *bars* mill-bqija tar-Rabat.
ii) Il-*Winter Moods* ikunu l-attrazzjoni prinċipali u mbagħad il-baned l-oħra jkunu Għawdxin.
iii) Peress li s-sena l-oħra ma kienx hemm ħin għal *Melanie* u l-*band* ta' Joe Piscopo, il-membri qablu li din is-sena jingħataw l-ewwel preferenza.

## 6. Approvazzjoni tal-Kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Awwissu 2014. Dan Skont dokument B anness.

## 7. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza

TM ħarġet il-permess għall-

7.1 *double yellow line* fil-kantuniera ta' Triq it-Tabib Anton Tabone ma Taċ-Ċawla H.E.;

7.2 *one metre double yellow line* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Ta' Karlu' fi Triq Dawwara;

7.3 *one metre double yellow line* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Victoria Court', fi Triq l-Ewropa;

7.4 *one metre double yellow line* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Xambekk Court' fi Triq Wied is-Seqer;

7.5 *un/laoding bay* quddiem ‘Tutto Casa’ fi Triq Ġużè’ Labre’;

7.6 *double yellow lines* fil-kantunieri ta’ Triq Muniċipju Ruman ma Triq Fortunato Mizzi u fi Triq it-23 t’April kantuniera ma Triq Parti Anton Debono.

7.7 Dwar it-talba tal-Kunsill sabiex issir *pedestrian crossing* fi Pjazza Savina, TM ser tikkunsidrha biss jekk it-traffiku li ġej minn Triq Mons Luiġi Vella u Triq Santa Marija ma jitħalliex jikser lejn Triq Sant’ Ursola. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

7.8 Dwar it-talba għall-passaġġ pedonali wara ‘The Duke’ fi Triq l-10 ta’ Ġunju, TM qalet li m’huwiex wiesgħa biżżejjed biex jakkomoda l-*wheel chairs*.

7.9 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b’diżabilita’ ta’ Grace Scicluna, ta’ 33, Triq Librerija. Għandha timtela l-formola kif isir is-soltu.

7.10 TM irċeviet talba sabiex l-*area* li tintuża mill-*mini train* fi Triq Salvatore Psaila, wara l-17.00 sservi bħala *taxi stand*. Il-membri ma qablux peress li fi Triq taħt Putirjal hemm sitt parkeġġi riservati diġa’ għat-*taxis*.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta’ TM:-

7.11 għall-*un/loading bay* quddiem ‘ *Casa Mia’* fi Triq Ninu Cremona;

7.12 biex titneħħa l-parti li qedgħa *one way* fi Triq Wied is-Seqer. Dan sabiex min hu ġej minn Marsalforn ikun jista’ jmur lejn il-punent ta’ Għawdex b’mod aktar faċili. Dan kien suġġeriment ta’ resident.

**8. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand :-

8.1 Anton Schembri kiteb għan-nom ‘Ta’ Dirjanu, Agius Services Ltd’, minħabba l-fatt li meta jkunu jħottu l-merkanzija fi Pjazza San Franġisk qed isibuha diffiċċli jużaw l-*un/loading bay* eżistenti. Dan minħabba li l-post hu riservat għall-vetturi żgħar u mhux vetturi bħal ma jużaw din il-kumpanija. Il-membri qablu li jintalab il-parir tar-Reġjun t’Għawdex;

8.2 Sophie Calleja rigward ipparkjar illegali quddiem il-garaxx tagħha fi Triq Salvatore Psaila. Is-Sinjura Calleja ser tiġi nfuramtha li hi trid tirrapporta lill-Pulizija meta jkun hemm vetturi pparkjata illegalment quddiem il-propjeta’ tagħha;

8.3 l-Arċipriet tal-Bażilika ta’ San Ġorġ rigward it-tismija ta’ Trejqet Pietru Pawl Azzopardi (1791–1875). Il-membri qablu li tintbagħat il-proposta lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq, li l-isqaq ta’ Triq Mons. Ġużeppi Farruġia jibda jġib dan l-isem;

8.4 l-Arċipriet tal-Bażilika ta’ San Ġorġ rigward il-pubblikazzjoni ta’ ktieb fuq Pietru Pawl Azzopardi. Il-membri qablu li jinxtraw għaxar kopji;

8.5 Vincent Cassar mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* fejn bagħat il-‘Playground 2014 Inspection Report’;

8.6 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward parir fuq offerta li għandha tinħareġ mill-Ministeru għal Għawdex konġunta mal-Kunsill rigward ir-*retaining wall* li jinsab fi stat perikoluż u li minn Triq taħt Putirjal jagħti għall-*playing field*. Dawn id-dettalji intbagħtu lill-Lorry Apap fil-Ministeru għal Għawdex;

8.7 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward il-*European Mobility Week and Car Free Day* 2014;

8.8 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward il-Premju Ħaddiem tas-Sena 2014;

8.9 ir-Reġjun Għawdex rigward il-proġett tad-dawl tat-toroq li ser isir mir-Reġjun t’Għawdex. Intbagħatet ukoll kopja tar-risposta li r-Reġjun irċieva mingħand il-Minsiteru għal Enerġija;

8.10 George Apap għan-nom ta’ ‘*D Capitals Band’*. Il-Kunsill ser jieħġu nota tas-servizz li toffri din il-banda;

8.11 Francesca Saliba rigrard il-moħqrija tal-annimali fit-tiġrijiet taż-żwiemel li jsiru fil-festi fil-ħin ta’ wara nofs in-nhar.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jintalbu stimi sabiex jinxtara *lap-top* għall-uffiċċju tas-Sindku;

9.2 jingħata kunses lil Ċelestino Ċini sabiex juża post fil-parkeġġ il-kbir ta’ wara l-*Bus Terminus* minn fejn ikun jista’ jopera bħala *hawker* bil-kundizzjoni li ma jieħux parkeġġi u l-art tkun tista’ tingħata lura kull meta jkun hemm il-bżonn;

9.3 titranġa l-bankina u r-rampa ta’ Lucia Cook fi Triq Antonio Mallia;

9.4 isir rapport lill-Pulizija rigward ir-rimi illegali ta’ skart fi Triq Ġorġ Pisani;

9.5 l-Kunsill jipparteċipa fit-*Torneo del Delta del Po* fl-Italia permezz ta’ *players* mill-S.K Victoria Wanderes u mill-Victoria Hotspurs F.C. L-Oratory Youths F.C. kienu pparteċipaw is-sena li għaddiet. Il-Viċi Sindku ser imexxi din id-delegazzjoni.

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

9.6 sar rapport minn residenta fuq persuna minn Marsalforn li hu propjetarju ta’ għalqa vojta fi Triq Muniċipju Ruman. Dan sabiex jittella l-ħajt ta’ tmin filati kif titlob il-liġi. Billi ma

ngħatawx dettaliji eżatti, l-membri ma qablux li għandu jiġi rappurtat lill-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li f'Lulju 2012 kien sar rapprot lill-MEPA fuq din l-għalqa u l-MEPA ħarġet EC 00521/08 bħala refernza għal dan il-każ.

9.7 l-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ambjent għadda lill-Kunsill is-somma ta' €29,570 li tkopri 59.14% fuq il-proġett pilota 'Greening the Community'. L-offerta tal-Kunsill li tirrigwardja dan il-proġett ser tinħareġ fil-ġranet li ġejjin wara li l-Perit jikkonkludi l-preparamenti tad-dokumenti;

9.8 l-MEPA ħarġet avviż lis-sidien tal-*billboards* li huma bla permess sabiex dawn jitneħħew.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2014.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv